


# IL-FOSOS SINONOMI MAL-FLORIANA

Minn Simon A. Bonello
(President Onorarju tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena)

Għaliex il-fosos huma sinonomi mal-Floriana? Ir-risposta hija sempliċi. Meta wieħed isemmi l-fosos f'moħħu tiġih il-Floriana. Mill-banda l-oħra, Maltin mhux Furjaniżi meta jsemmulhom il-Floriana moħħhom imur fi Pjazza San Publju, jiġifieri Fuq il-Fosos.

Il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann meta waslu Malta ħasbu biex isiru fosos sabiex jinħażen il-qamħ. Dan sar għaliex dejjem kienu inkwetati minn xi assedju mit-Torok jew imblokk biex ħażniet ma jaslux f'pajjiżna. Naturalment, barra fosos inbnew ukoll imħażen kbar bħal dawk li hemm fix-Xatt ta' Pintu biex jiġu maħżuna bl-ikel. Il-fosos huma mħaffrin fl-art, forma ta' qanpiena u mgħottija b'tappiera kbira tal-ġebel biex meta kien ikun hemm il-qamħ il-fossa tiġi ssiġillata bis-siment ħalli la tidħol u lanqas toħroġ arja.

L-ewwel fosos li tħaffru kienu dawk fil-Vittoriosa u aktar tard fil-Belt Valletta meta din saret il-kapitali flok l-Imdina. Wara saru dawk il-fosos kbar (9) li nsibu aħna u sejrin lejn il-Kapuċċini. Ma' dawn inżidu dawk fil-fetħa llum magħrufa bl-isem ta' Pjazza Beatu Papa Ġwanni XXIII u f'dik li kienet Pjazza Sir Filipppo Sciberras, li llum ma għadhomx jeżistu minħabba li wara t-Tieni Gwerra Dinjija twaqqgħu biex inbena blokk bini ta' appartament, garaxxijiet u teatru taċ-ċinema ( ħasra li dawn intradmu flok li setgħu ġew użati bħala bjar għall-ilma). L-appartamenti għadhom bin-nies iżda teatru llum qed jintuża bħala ħanut kbir tal-ħwejjeġ. Fosos oħra kienu jeżistu flok fejn illum hemm Vincenti Buildings.

Madankollu, l-aktar li jispikkaw huma l-75 fossa li hemm fi Pjazza San Publju. Dawn ma sarux kif ħafna jaħsbu mill-Kavalleri, iżda tħaffru fuq ordni ta' Richard More O'Farell, l-uniku gvernatur Kattoliku fi żmien il-ħakma Brittannika. O'Farell dam gvernatur bejn l-1847 u l-1851. Parti minn Pjazza San Publju ma fihiex fosos, dan għaliex taħtha hemm parti minn ġibjun kbir li għadu jinġabar fih l-ilma. Erba' persuni tilfu ħajjithom Fuq Il-Fosos (ta' quddiem il-knisja) meta waqgħet mina fit-Tieni Gwerra Dinjija. Jingħad (ma hemm xejn dokumentat) li dawn kienu suldati Ingliżi li ippruvaw idawru din il-mina li kienet nieżla bil-parachute biex ma taħbatx ma' l-art fuq il-parti esplossiva tagħha. Sfortunatament ma rnexxilhomx. Bħala tifkira, u jien rajtha b'għajnejja, fossa qrib fejn mietu dawk is-suldati ġiet skolpita f'forma ta' salib b'tifkira ta' dak l-inċident fatali iżda sfortunatament ukoll din il-fossa salib ma għadniex narawha.

Sas-snin sittin il-fosos kienu għadhom jintużaw, illum qed iservu biss biex ipoġġu fuqhom in-nies għall-frisk fix-xhur tas-Sajf.

Kien hemm ħaddiema speċjalizzati fil-mili u t-tbattil tal-fosos. Kienu jintramaw tliet serratizzi biex jagħmlu forma ta' tripied u magħhom kienet tiddendel tarjola biex faċilment jitniżżel u jittella' l-qamħ jew żrieragħ oħra. L-għodda użata, inklużi s-seratizzi u t-tarjoli, kienu jintrefgħu sakemm jergħu jintużaw taħt il-Housecraft, dik id-dar kbira li llum tintuża mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Nittamaw li l-fosos ma jkollhomx aktar bżonn jintużaw għax jekk jiġri hekk dan ifisser li jkun ġej xi gwaj.




Ta' kurżita` għal ħafna huwa l-fatt li l-wiċċ tal-fosos fi Pjazza San Publju huwa ta' livell ogħla mill-aktar parti baxxa tal-faċċata tal-Knisja ta' San Publju. Ir-raġuni hija għaliex dawn il-fosos saru wara li ġa kienet teżisti l-knisja meta allura ma kinitx kbira kif nafuha llum. Ħasra li sar hekk għax kieku l-knisja kien ikollha dehra isbaħ.

Kemm saru avvenimenti importanti Fuq il-Fosos (Pjazza San Publju)? Diffiċli tagħmel malajr lista li tgħid li hija eżatta għax żgur tħalli ħafna barra. Kienu ta' diversi xorta - reliġjużi - politiċi - mużikali, eċċ. Fil-fehma tiegħi l-aktar importanti u li ġibdu eluf ta' nies minn kull rokna ta' Malta u Għawdex kienu l-25 i Anniversarju tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjona (1913) fl-1938, il-Kungress Provinċjali Marjan - (1949), il-Festi Ċentinarji flimkien tal-wasla f'pajjiżna ta' San Pawl u l-veskovat ta' San Publju (1960), l-Ewwel Miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta (1990) u t-Tieni Miġja ta' l-isess Papa fl-2001 meta allura ibbeatifika tlieta minn ħutna Maltin, jiġifieri Dun Ġorġ Preca, il-Kjeriku Injazju Falzon u s-Soru Adeodata Pisani. F'kull okkażjoni msemmija, Il-Fosos kienu ippakkjati b'folol kbar ta' nies. Ta' min jgħid li skond kalkolu li darba kien sar, Pjazza San Publju tesa` 100,000 ruħ. Dan qiegħed ngħidu biex insaħħaħ il-fatt ta' kemm attendew nies għal dawn l-avvenimenti reliġjużi.

Naturalment kien hemm okkażjonijiet reliġjużi oħra fuq skala nazzjonali li saru f'din il-pjazza kbira Furjaniża konnessi mad-Drieġħ ta' San Franġisk Saverju (1924), il-Miġja tax-Xedaq Ta' Sant'Antnin ta'






Padova, l-Inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Damaxxena (1931), iċ-Ċentinarju ta' Santu Wistin, il-Konsagrazzjoni ta' Malta lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu` (1935), l-Inkoronazzjoni tal-Madonna tas-Saħħa (1948) meqjuma għand il-Patrijiet Franġiskani tar-Rabat u li kienet l-ewwel manifestazzjoni li saret wara t-Tieni Gwerra Dinjija, tal-Madonna tal-Karmnu, San Ġużepp tar-Rabat u l-Inkuronazzjoni tal-Madonna ta' Caraffa.

Mill-banda l-oħra kienu numerużi l-meetings politiċi kbar organizzati miż-żewġ partiti politiċi ewlenin. Saru anke wirjiet b'shows għall-karita` u bi skop politiku. Avveniment li aħna l-Furjaniżi xejn ma ħadna gost bih kien il-kunċert mill-magħruf kantant u pjanista Elton John. Biex sar dan kellhom anke jingħalqu xi toroq bi skomdita` għal ħafna sewwieqa fi triqthom lejn il-Belt Valletta. Il-Furjaniżi ma setgħux anqas joqogħdu bilqiegħda fuq il-fosos f'dik il-parti li ġiet magħluqa għall-pubbliku. Madankollu, iżda, tajjeb wieħed jgħid illi Pjazza San Publju (Il-Fosos) ġiet magħżula minn Elton John stess minħabba li kellha tiddominaha l-Knisja Arċipretli ta' San Publju. Video ta' dan il-kunċert intwera f'ħafna partijiet tad-dinja u b'hekk miljuni setgħu jammiraw is-sbuħija tal-faċċata tat-tempju maestuż tagħna ddedikat lill-Ewwel Isqof ta' Malta u wieħed mill-Patruni tal-Gżejjer Maltin.



Huwa importanti li l-fosos li għandna fil-Floriana nibżgħu għalihom. Ma nħalluhomx jiddeterjoraw billi minn żmien għal ieħor issir manutenzjoni kemm fuq it-tappieri kif ukoll u l-art li tiċċirkondahom. Kien għoddha saret ħsara irreparabbli meta għal xi snin il-fosos ta' quddiem il-Knisja saru car park









kemm għall-karrozzi kif ukoll għal trakkijiet. Kien bit-tħabrik tas-Civic Council tal-Floriana li saru xatbiet biex ma tħallewx aktar jidħlu vetturi ta' kull xorta biex jipparkjaw. Illum ta' min jilmenta li meta tkun se ssir attivita` politika qed jitħallew jidħlu trakkijiet meta jkun qed jintrama l-armar għall-attivita` konċernata.

Bla dubju l-fosos li għandna fil-Floriana huma patrimonju. Kemm-il darba turisti jistaqsu x'inhuma dawn. Ħasra li ħafna drabi min ikun mat-turisti ma jispjegalhomx kif suppost, dwar għaliex saru, min għamilhom, x'kien jitpoġġa fihom, għadhomx jintużaw. Wisq nibża` li anke l-ġenerazzjonijiet preżenti ta' żgħażagħ u tfal ħadd ma qed jgħidilhom xejn għajr biex iservu ħalli wieħed joqgħod bilqiegħda fuqhom.

Fil-fehma tiegħi tkun idea tajba jekk almenu fossa waħda tiġi miftuħa għall-wiri, naturalment mgħottija b'xi materjal sod iżda trasparenti u ħdejha titqiegħed tabella b'kitba dwarha. Naħseb li din tista` tkun ukoll attrazzjoni turistika.